Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 60

It- Tnejn, 14 ta' Awwissu 2023

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-09.00am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-10.08am

**60.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

60.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

60.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tat- Disa' u Ħamsin laqgħa. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

60.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**60.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

60.3.1 Is- Sindku talab lis- SE biex joħroġ sejħa għal kwotazzjoni fuq erba' plakek ġodda ta' ismijiet ta' toroq.

60.3.2 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li nhar id- 29 ta'Settembru 2023 fejn ser isir l-avveniment organizzat mill-Uffiċċju Tal- Prim Ministru, l-Mdina ser tkun magħluqa kompletament għal karozzi u moviment ta' persuni. Huwa talab li titqassam l-ittra lir- residenti.

60.3.3 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li s-sejħa għal installazzjoni ta' CCTV's maħruġa mir- Reġjun Punent ġiet konkluza u fix-xhur li ġejjin la darba jiġi aġġudikat dawn jiġu nstallati.

60.3.4 Is- Sindku infurma lil- Kunsill li fir-rigward ta' l-istedina minn Dong Cheng, Cina ġejna nfurmati fuq il-possibilita' li din z-zjara sseħħ f' Settembru jew Ottubru. Huwa kien ta' l-opinjoni din iz-zjara sseħħ f'April/Mejju tas- sena d-dieħla.

60.3.5 Is- Sindku tkellem fuq il- laqgħa li saret mad- Direttur Ġenerali tal- Xogħolijiet Pubbliċi fuq l-iffimar ta' ftehim biex il-pont ta' Gomorino jgħaddi f'idejn il-Kunsill. Huwa qal li kien hemm xi zviluppi pozittivi u fil-ġimgħat li ġejjin dan ser jiġi ffirmat.

60.3.6 Is- Sindku talab lis- SE biex jikteb lil Contracts Manager sabiex jinfurma lil kennies biex id-dustbins ikolhom fihom boroz tal-ġbir.

60.3.7 Is- Sindku talab biex jiġu mwaħħlin stickers ta' AED fuq it- telephone box fqjn hemm id-defribililator.

60.3.8 Is- Sindku talab li ssir laqgħa mal- kamra tan-nar ta' San Guzepp biex jiġi diskuss il-ħruq tan-nar għas-sena d-dieħla.

**60.4 Proġetti tal-Kunsill- Sitwazzjoni Prezenti**

60.4.1 Is- SE ta' rendikont fir -rigward tas- sitwazzjoni prezenti tal-proġetti li għandhom isiru fix-xhur li ġejjin. Huwa qal li s-sitwazzjoni prezenti hija daqsxejn wieqfa għar-raġuni li qed ikun hemm dewmien minn naħa ta' l-awtoritajiet governattivi biex ċertu permessi jinħarġu u li fuq dan ma għandiex kontroll u rridu nistnnew għar-risposta. Dan minbarra l-Perit tal-Kunsill kif ukoll min qed jipprepara d-draft tat-tenders fejn f'dan ir-rigward, is -SE fil-laqgħa li jmiss ser jirrapurta u jekk is-sitwazzjoni tibqa' l-istess ser jitlob li jittieħdu ċertu provedimenti.

**60.5 Torre dello Standardo- Ftehim ma' l-Awtorita tat- Turizmu.**

60.5.1 Is- SE infurma lil Kunsill li fl-aħħar ta' Awwissu, il-kuntratt ser jiġi iffirmat miz-zewġ partijiet.

60.5.2 F'dan ir-rigward is- Sindku fakkar li allaċċjat ma' dan il-ftehim għandu jiġi mġedded il-ftehim ma' l-MTA fuq il-Ġnien ta' Howard li jiskadi fl-aħħar ta' din is-sena.

**60.6 Kwotazzjonijiet Funtana Pjazza St. Agata- Aġġudikazzjoni.**

60.6.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal- kamra, kwotazzjonijiet li ġbarna bħala Kunsill fejn l-irħas offerta kienet ta' Infinite Fusion Ltd għas-somma ta' € 5225.04.

60.6.2 Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

**60.7 Ilmenti u Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

60.7.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra tlett kwotazzjonijiet għal ikla ta' Jum L-Mdina fejn l-irħas offerta kienet ir-rata' ta' € 33 kull persuna. Il-Kunsill approva.

60.7.2 Talba mill- Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin biex dak nhar tal- avveniment tal- MED 9 fejn ser isir il-press conference biex titneħħa xi għamara fit-toroq. Il-Kunsill approva bl-kundizzjoni li dawn wara jerġgħu jitpoġġew.

60.7.3 Natalis Notabilis- Talba mill-organizzaturi biex dak nhar ta' l-attivitajiet bejn is- 7 u t-13 ta' Diċembru, Triq L-Infetti tkun magħluqa biex jipparkjaw il-karozzi. Il-Kunsill ma approvax.

**60.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

60.8.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 14 ta' Awwissu 2023 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 20,052.01

60.8.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**60.9 Tmiem tal- Laqgħa**

60.9.1 Il-laqgħa ntemmet fil- 10.56am

| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___25 ta'Settembru 2023__